

# San Ġorġ
## Interċessur Qawwi tagħna (2)

*Dun Ġużepp Gauci*

Nagħmlu sewwa aħna l-Għawdxin u l-Qormin niċċelebraw bil-kbir lill-Megalomartri San Ġorġ. U dan nagħmluh mhux biss għax hekk jixraqlu bħala Qaddis li ta xhieda mill-aqwa għal Kristu kemm b'ħajtu, kif ukoll b'mewtu, iżda għaliex hu "interċessur" qawwi tagħna. Dan qed nurih bil-provi li ġibt bil-kitba tiegħi fil-ħarġa ta' din il-publikazzjoni tas-sena l-oħra, u kif se nkompli fil-ħarġa ta' din is-sena.

- sa mis-Seklu 17, il-ktajjen ta' San Ġorġ fil-Kunvent Grieg Ortodoss ta' San Ġorġ fil-Kajr, fl-Eġittu, jintużaw biex ifejqu kull xorta ta' mard, partikularment il-mard tal-moħħ. Sa llum folol ta' kopti u musulmani mill-Greċja, mil-Libanu, minn Ċipru, mill-Eġittu u minn kullimkien jersqu bil-fidi lejn San Ġorġ f'dan il-monasteru tas-Seklu 7, l-aktar matul il-lejl tat-22 ta' April biex jitolbu l-interċessjoni ta' San Ġorġ.

- fl-Indja, fir-reġjun ta' Kerala, hemm diversi knejjes sbieħ u kbar iddedikati lil San Ġorg li fihom eluf ta' persuni, mill-Indja kollha u minn pajjiżi qrib jersqu jitolbu l-interċessjoni ta' San Ġorġ. F'Puthuppally, il-Knisja ta' San Ġorġ hi waħda mill-eqdem u mill-iktar magħrufin tal-Knisja Malankara Ortodossa. Din il-knisja hi r-rifuġju ta' eluf ta' persuni mid-dinja kollha li jfittxu l-ħarsien tal-Qaddis Martri. Il-festi li jsiru lil San Ġorġ jieħdu għaxart ijiem u r-reġistru li fuqu jinkitbu l-grazzji li jintalbu lil San Ġorġ fih eluf u eluf ta' każi li jitressqu mid-devoti lill-Qaddis Patrun.

- fis-sena 900 meta l-Mori attakkaw il-belt ta' Morgeto, fl-inħawi ta' Reggio Calabria u assedjawha għal sitt xhur sħaħ, San Ġorġ deher fuq żiemel abjad jitqabad mal-morġetini u wara r-rebħa mhux biss bnewlu knisja b'tifkira, imma l-istess post issemma, kif għadu sa llum, S.Giorgio Morgeto.

- l-istess ħarsien ta' San Ġorġ esperjenzaw in-nies ta' Pizzo, fil-provinċja Taljana ta' Catanzaro, meta ġew attakkati minn Scipione Cigala u l-furbani tiegħu fis-Seklu 15, u l-preżenza ta' San Ġorġ li deher jikkumbatti magħhom,

*komplif'paġna 56*

rebbħithom u b'radd il-ħajr iddedikaw il-Knisja tagħhom lill-Qaddis Martri, kif għadha sa llum.

- sa żminijietna, f'għar li minn fuq għolja jġib taħtu l-bajja sabiħa *Jounieh* qrib il-belt ta' Bejrut fil-Lebanon, hemm xbieha ta' San Ġorġ li quddiemha jinxtegħlu mijiet ta' xemgħat, l-aktar f'Jum San Ġorġ, u fl-ilma li jnixxi mill-blat jinħaslu l-ħwejjeġ tat-trabi, biex jitbiegħdu minn kull xorta ta' mard.

- fl-istess belt ta' Bejrut, fil-Lebanon, hekk kif tidħol fil-Kattidral Maronita ta' San Ġorġ, tal-inqas sa xi għaxar snin ilu, kont tiltaqa' ma' raġel Grieg-Ortodoss li jirrakkuntalek kif San Ġorġ fejjaqlu l-qażba ta' siequ minn infjammazzjoni li ma kienx hemm fejqan għaliha u ma' raġel ieħor Maronita li kull 23 ta' April imur jixgħel xemgħa quddiem ix-xbieha ta' San Ġorġ li ħelsu minn attakk ta' grupp bedwini fid-deżert tas-Sinaj.

- f'monasteru fil-Lebanon, il-monasteru ta' Dejr el Harf, mibni fuq il-muntanja li tieħu isem l-istess pajjiż, hemm devozzjoni kbira lejn San Ġorġ minħabba t-tradizzjoni li matul iż-żmien tal-istorja tiegħu ħafna kienu l-morda li hemm tfejqu bl-interċessjoni ta' San Ġorġ.

- f'San Giorgio a Cremano, fil-provinċja ta' Napli, fejn San Ġorġ għandu kult antik ħafna, u fejn saru diversi mirakli bl-interċessjoni tiegħu, sa mill-eruzzjoni tal-Vessuvju fis-sena 993 u f'diversi okkażjonijiet oħra li ġraw warajha, intalab il-ħarsien ta' San Ġorġ u dan il-post dejjem ġie salvat mill-qerda tal-lava taħraq. Kien għalhekk li jissejjaħ S. Giorgio a Cremano, għax San Ġorġ salva mill-ħruq lil dan il-post iddedikat lilu.

- fl-Etijopja, il-Kattidral Ortodoss Etijopiku ta' San Ġorġ, mibni f'Addis Ababa fl-1896, għadu jfakkar ir-rebħa ta' l-Etijopja fuq it-Taljani fil-battalja ta' Adwa, rebħa li saret f'jum San Ġorġ u bl-interċessjoni tiegħu.

- fil-gżira Torka ta' Buyukada, fil-baħar ta' Marmarà, li jiġi bejn il-Baħar l-Iswed u l-Mediterran, hemm il-monasteru ta' San Ġorg ta' Koudonas, fejn ħafna persuni ta' kull reliġjon, iżuru l-ikona mirakuluża ta' San Ġorg, l-aktar fil-jiem tal-Festa u jagħmlu offerti ta' siwi lil San Ġorġ biex jinterċiedi għalihom fi ħtiġijiethom.

- fl-1935, il-Metropolitan Ortodoss Grieg Chrysostomus, ta' Florina, kien miżmum fil-Monasteru ta' Olympos sax-xahar ta' Ottubru, meta bl-għajnuna tal-Gvernatur ta' dakinhar, Kondylis, seta' jmur f'Ateni. Minn hemm, mimli ħeġġa għall-għaqda fost l-insara, mar Ġerusalemm u mbagħad Damasku, biex

jiddiskuti mal-Patrijarki t'hemm. Meta ġie biex imur lura Ateni, ingħata ordnijiet mill-Konslu Grieg li kellu direttivi minn Ateni, biex jibqa' Ġerusalemm, u sab ruħu bla passaport. Talab bil-ħeġġa lil San Ġorg li l-Griegi jsejħulu *"ħellies tal-ilsiera"*. F'nofs ta' lejl deherlu żagħżugħ sabiħ li ġablu l-passaport u b'hekk seta' jerġa' lura ħieles lejn Ateni. Il-Patrijarka Chrysostomus, baqa' jitkellem minn din l-interċessjoni ta' San Ġorġ sal-aħħar nifs ta' ħajtu li ġrat fl-1948.

Anke l-Għawdxin ta' qabilna, ma' ħutna l-Maltin, dejjem ħabbew lil San Ġorġ li bil-protezzjoni tiegħu ħarishom minn diversi gwaj, bl-interċessjoni qawwija tiegħu.

Niftakru:

- fil-ġrajja tal-1429, dokumentata minn Cornelio A. Lapide fil-kummentarju tiegħu dwar l-Atti tal-Appostli, u mpittra minn Ġużeppi Briffa fil-koppla tal-Knisja Arċipretali ta' Ħal Qormi, u minn Giovanni Battista Conti fl-arzella tal-lemin tal-Bażilika ta' Għawdex, meta San Ġorġ deher ma' San Pawl u ma' Santa Agata, fuq is-swar tal-Imdina, jgħin lill-Maltin fil-battalja tagħhom kontra l-Mori.

- il-ġrajja l-oħra mpittra minn Giovanni Battista Conti fl-arzella l-oħra tal-Bażilika ta' Għawdex, meta fl-1675, San Ġorġ ħeles lil Għawdex mill-flaġell kiefer tal-pesta li fi żmien ta' 9 xhur kienet qatlet aktar minn tlitt elef ruħ f'Malta. U l-poplu Għawdxi ta' dakinhar, konxju mill-interċessjoni ta' San Ġorġ, immexxi mill-Gvernatur tal-gżira Francesco de Corduba, kompla kabbar il-Knisja ddedikata lill-Qaddis Megalomartri. Tradizzjoni popolari tirrakkonta li fi Triq Santa Marija, imsejħa l-Mandraġġ, San Ġorġ darbtejn deher ilebbet fuq iż-żiemel ikeċċi l-infezzjoni tal-pesta li setgħet taħkem lil Għawdex tagħna, sakemm kien idur ma' fejn hemm l-istatwa ta' San Ġorġ tal-Ħaġar lejn Triq San Ġorġ u jerġa' jidħol fil-maqdes għażiż tiegħu.

- fl-1837, l-epidemja tal-kolera għamlet ħerba fost il-Maltin. Fis-6 ta' Lulju laqtet lil Għawdex ukoll fejn sal-aħħar tax-xahar intlaqtu 510 persuni u mietu 183 minnhom. L-Għawdxin dritt ħasbu fl-interċessjoni ta' San Ġorġ u għamlulu l-wegħda, permezz ta' familja li kienet intlaqtet minn din il-marda qerrieda, li jordnaw statwa tiegħu għal dan it-tempju. F'Awwissu, il-qawwa tal-kolera bdiet tbatti u sal-11 t'Ottubru waqfet għal kollox. Ġiet ordnata l-istatwa ta' San Ġorġ għand l-iskultur Pietru Pawl Azzopardi, statwa li l-175 anniversarju tagħha tfakkar matul is-sena li għaddiet.

- niftakru wkoll fiż-żewġ gwerer dinjija, meta l-Isqfijiet ta' Għawdex ta' dakinhar,

*ikompli f'paġna 59*

l-Isqof Camilleri matul l-ewwel Gwerra u l-Isqof Gonzi matul it-tieni Gwerra, approvaw talba lil San Ġorġ biex tingħad fid-Djoċesi ta' Għawdex, u fiha fost l-oħrajn, kien jingħad: *"O anġlu difensur tagħna, minn Alla magħżul sabiex tgħasses fuq din il-gżira, żguri mill-protezzjoni tiegħek, fik inqiegħdu t-tama tagħna. Mela, nitolbuk, itfa' fuqna wliedek, ħarsa mis-sema, arana mnikktin, ikollok ħniena minna".*

- ma ninsewx iż-żewġ ċentinarji ta' San Ġorġ, tal-1903 u tal-2003: fl-1903 fl-Ittra Pastorali tiegħu għall-okkażjoni, l-Isqof Giovanni Marija Camilleri, fost l-oħrajn kiteb: *"Ġorġi ġie mogħti lilna minn Alla biex ikun id-difensur tal-fidi tagħna, it-tarka li teħlisna mill-vleġeġ tal-għedewwa, is-sejf li jbegħidhom minna, ir-rpar kontra kull deni, l-avukat quddiem kull bżonn".* Fl-2003, l-Isqof Nikol Cauchi, fl-Ittra Pastorali tiegħu għall-Festi taċ-ċentinarju ta' San Ġorġ, fost l-oħrajn, kiteb: *"Bl-interċessjoni tal-Protettur qawwi tagħna San Ġorġ Megalomartri, nitolbu lil Alla jżommna dejjem fi ħdan il-Knisja Mqaddsa li hija l-komunità ta' mħabba li Kristu Ibnu waqqaf għall-fidwa tagħna, iħarsilna l-fidi tagħna, akkost ta' kull sagrifiċċju u kull persekuzzjoni, u jgħinna biex ħajjitna tkun mimlija bil-frott ta' kull opra tajba".*

Biex nieqaf hawn dwar ġrajjiet ta' ħarsien ta' San Ġorġ fuq pajjiżna, iżda biex ma nħalli xejn barra, ninqeda bi kliem ħabibi, il-Poeta Ġorġjan, il-mibki Kan. Joe Mejlak, li fid-*"Djalogu"* tiegħu ma' San Ġorġ kiteb: *"... fakkart lil Ġorġi f'dik l-għajnuna – li dejjem ta minn qalbu 'l Għawdex tagħna: - semmejtlu l-pesta s-sewda, 'it-terremoti – il-kruha tal-kolera u l-ġirati – li fflaġellaw 'l ulied dil-gżira msejkna; - semmejtlu meta dlonk daħal għalina – matul iż-żmien ta' nixfa w ridna x-xita, - u kif ħarisna mill-attakki ħorox – u l-ħbit tal-għadu, il-Mislem, fuq il-gżira; - fakkartu wkoll fil-qilla taż-żewġ gwerer – l'għaddew minn fuqna u hu, b'dirgħajh mifruxa, - għal darba tnejn, ħarisna u 'ndukrana. - U fl-aħħar nett semmejtlu kif fl-imgħoddi – taffielna l-maltempati li b'qawwithom – għaddew minn fuq dil-gżira!"*

U kompla l-poeta ħabibna, il-mibki Kan. Joe Mejlak: *"Wiċċ Ġorġi xegħel u dlonk il-ħajr mar raddli – li nies niesna fl-imgħoddi laqgħu b'ferħa – dak tiegħu l-ħarsien u dan sa żmienna – imfakkar baqa' u bla qatt intesa".*

Il-ħarsien, l-interċessjoni ta' San Ġorg baqgħu mfakkrin sa żminijietna u għalhekk tajjeb li nfakkruhom u nirrakkuntawhom lil uliedna u 'l ulied uliedna biex inkattru l-fiduċja tagħna fl-interċessjoni qawwija ta' San Ġorġ tagħna! Fuq kollox tajjeb li nkomplu nitolbu lil San Ġorġ: *"Lilek ħtarna sa mill-bidu, biex tkun sejf u tarka tagħna, għożżna, mela, bħala wliedek, ġewwa ħdanek int ilqagħna".*

Minn qalbi nwassal lill-Qormin kollha, l-isbaħ xewqat għal festa t-tajba li fiha jikbru fl-imħabba għal San Ġorġ li bl-interċessjoni tiegħu jressaqna aktar lejn Ġesù Kristu Sidna.